# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 11**

**Avviz numru 357/02mm**

**Mizzi Limited**

**vs**

**Iceberg Refrigeration Services Ltd**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, disa' mija u erbgha u tletin lira Maltin (Lm3,934.00) import ta' kambjala acettata u ffirmata mis-socjeta' konvenuta, kopja ta' liema kambjala tinsab annessa u mmakata Dok. '1', liema kambjala skadiet izda baqghet ma thallsitx nonostante li s-socjeta' konvenuta giet nterpellata sabiex thallas.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socejta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-26 ta' Gunju, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg.